# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2002

## Avviz numru : 27/2002GT(GM)

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**vs**

**Dr. Chris Said noe li b'digriet tat-13 ta' Marzu 2002 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 36/02G fl-istess ismijiet gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Simon G. Komin u lill-kumpanija tieghu Gaulos General Services Ltd.**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Tghidu intom konvenuti l-ghaliex m'ghandkomx tigu kkundannati li thallsu lill-Awtorita' attrici, prevja dikjarazzjoni li hija dovuta mill-istess konvenuti solidalment bejniethom lill-Awtorita' Marittima ta' Malta, is-somma ta' elf u hames mitt liri Maltin (Lm1500), bhala hlas ta' berthing fees ghall-irmigg tad-dghajjes wahda GEMINI bin-numru ta' registrazzjoni 5139 u l-ohra TAURUS bin-numru ta' registrazzjoni 6540 fil-Yacht Marina tax-Xatt tal-Imgarr limiti Ghajnsielem, liema hlas sar dovut ghall-perjodu minn Gunju 1999 sad-data tal-prezentata ta' dan l-avviz.**

**Bl-imghaxijiet.**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Jannar 2002.**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin."**

**Ra r-risposta tal-kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Simon G. Komin u lill-kumpannija tieghu Gaulos General Services Ltd.:**

**(1) Illi l-konvenut nomine m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.**

**(2) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.**

**Ra l-verbal tas-seduta tas-26 t'April 2002 imnejn jirrizulta li s-socjeta' attrici mhix f'posizzjoni tforni indirizz tal-konvenuti lill-kuratur.**

**Sema l-konferma bil-gurament tal-kontenut tal-avviz tat-talba minn Dr. Mario Scerri ghas-socjeta' attrici li wkoll ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut fl-intier tieghu.**

**U billi t-talba attrici tinstab ippruvata;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-istess socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ghall hlas ta' elf u hames mitt liri Maltin (Lm1500) bhala hlas ta' berthing fees ghall-irmigg tad-dghajjes wahda GEMINI bin-numru ta' registrazzjoni 5139 u l-ohra TAURUS bin-numru ta' registrazzjoni 6540 fil-Yacht Marina tax-Xatt tal-Imgarr limiti Ghajnsielem, liema hlas sar dovut ghall-perjodu minn Gunju 1999 sad-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Jannar 2002; b'dana li l-ispejjez u drittijiet professjonali tal-kuratur jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**